> Sliem għalik aħna ngħidulek
> Kemm ninsabu ferħanin
> Sliem għalik, o kbir Andrea
> Protettur tal-Ħalluqin

# L-Ewwel Banda Ħalluqija

● Il-Kumitat

S'issa l-poplu kellu l-opportunità li jaqra ż-żewġ kotba maħruġa fis-snin li għaddew dwar iż-żewġ baned ta' Ħal Luqa. Ninsabu ċerti li kull min wettaq dan l-eżerċizzju wasal għall-konklużjonijiet tiegħu. Konklużjonijiet li jmorru ferm 'il bogħod mill-ħmerijiet li nkitbu fuq xi siti elettroniċi, li għal ħafna huma mitqiesa bħala kummenti ta' fanatiċi li flok jiftħu għajnejhom jissuktaw jgħoddsu rashom fir-ramel. Konklużjonijiet li jagħmlu għajb lil dawk li mingħalihom iridu jagħtu ġieħ lir-riċerka storika. Diżgrazzjatament imbagħad hemm dawk l-uħud li b'ripetizzjoni sistematika jkomplu jdoqqu l-istess diska biex itambru fl-imħuħ magħluqa, ħmerijiet li qatt ma ġraw.

Waqt ir-riċerka dettaljata u profonda li għamel is-Sur Francis Galea, l-awtur tal-ktieb ***Ħal Luqa u l-Banda tagħha L-Unjoni*** ltaqa' ma' tagħrif li għalkemm ma kienx marbut mal-Banda Ewlenija ta' Ħal Luqa, xorta kellu sinifikat dwar l-ewwel banda f'dan ir-raħal. Tant, li l-istess Galea ħassu bejn ħaltejn jekk għandux jinkludi din is-sejba fil-ktieb tal-Unjoni stampat fl-2005. Finalment ħass li ma kellux għalfejn joħloq polemika fi ktieb storiku dwar il-Banda L-Unjoni. Għalhekk ħalla s-sejba tiegħu fil-kexxun għall-mument opportun.

Dan il-mument ma damx wisq ma wasal. Min ma ħamilx jaċċetta l-istorja kif tassew seħħet u tinsab dokumentata, ma felaħx aktar lill-istess imsaren fl-istonku tiegħu. Għaldaqstant għażel li flok jitkellem u jsostni, jew aħjar ifittex aktar fil-fond dwar l-istorja tagħhom, qatagħha jattakka l-istorja ta' ħaddieħor. Din l-attitudni daħħket lil bosta, b'mod partikulari lill-Ħalluqin ta' rieda tajba u, aktar lil dawk li kellhom ħjiel sew tal-ġrajja tal-baned f'dan ir-raħal.

Meta wasal dan il-waqt, is-Sur Francis Galea għaddielna s-sejbiet tiegħu u fhimna għaliex ma xtaqx li jdaħħalhom fil-ktieb tal-2005. L-ewwel nett Galea ried jikteb l-istorja tal-Banda l-Unjoni u, it-tieni għaliex b'dawn is-sejbiet kien ikollu jqanqal argumenti li ma kellux bżonnhom biex joħroġ u jwassal il-bidu tal-Banda l-Unjoni. Għalhekk, is-sejba ta' meta l-Banda Sant'Andrija *daqqet l-ewwel darba* u *t-tieni darba* wkoll ġew żvelati fil-ktejjeb ***L-Aħħar Kelma*** li l-Każin tal-Banda l-Unjoni teba' fl-2009.

Fil-ktieb li tal-Banda Sant'Andrija ppubblikaw fl-2008, jiġifieri tliet snin wara dak maħruġ mill-Każin tal-Banda Unjoni, f'paġna 36 tqanżħu biex joħorġu storja dwar l-ewwel servizzi tas-Soċjetà Filarmonica San Andrea. Fl-argument mingħajr dokumentazzjoni u provi, ittantaw ibellgħu lill-qarrejja li din il-banda daqqet l-ewwel darba għall-festa ta' Sant'Andrija f'Novembru 1883 u xi xahar wara għall-ewwel quddiesa tas-saċerdot novell Dun Indri Mifsud Aquilina. L-argument(mingħajr dokument serju) kollu bnewh għax skont huma, is-Surmast Ferdinando Camilleri li mexxa l-orkestra fil-knisja għall-quddiesa ta' Dun Indri, qalu li kien l-għalliem tal-istrumenti tal-korda tal-Banda

Sant'Andrija. Imbagħad, aktar 'l isfel kitbu li Ferdinando u ħuh Gavino *setgħu kienu partitarji ta' baned differenti*. Fil-kitba storika ma teżistix din it-teżi, għax jew *kienu* nkella *setgħu kienu*!! Issa meta ssemmi strumenti tal-korda tkun diġà qed tmur lil hinn minn Banda! Mela allura kieku dan l-argument seta' jitwemmen il-konklużjoni hija li f'Ħal Luqa minbarra l-Banda l-Unjoni fl-1883 kien hemm ukoll xi daqsxejn ta' orkestra biex iddoqq fil-knisja. Ir-rwol tas-Surmast Ferdinando kienet immirata lejn orkestra u mhux banda.

Imbagħad ippruvaw ikomplu jsostnu dan l-argument mhux dokumentat, b'kitba tas-Sur Noè Ciappara li ta l-istess verżjoni għal din il-ġrajja. Issa, is-Sur Ciappara li miet fl-1992 fl-għomor ta' 89 sena, jekk inqisu l-età ta' 16-il sena bħala waħda ta' maturità li fiha tfajjel jibda jirrekordja l-memorji tal-ġrajjiet, din toħodna għal bejn wieħed u ieħor l-1929. Mela, f'dik is-sena, l-1929, Ciappara kien tfajjel ta' xi 16-il sena li f'moħħu beda jirrekordja l-ġrajjiet li seħħu 46 sena qabel, jiġifieri fl-1883. Biex nagħtu daqsxejn ta' xebħ nimmaġinaw kif illum, tfajjel ta' 16-il sena mingħajr l-ebda tagħrif dokumentat jista' jibni minn dak li jgħidulu n-nies il-ġrajja tal-Indipendenza ta' Malta li ġrat fl-1964. Inħallu f'idejn il-qarrejja biex idommu dawn il-ħsibijiet u joħorġu bil-konklużjonijiet tagħhom!

Imbagħad, f'paġna 38 tal-ktieb li ħarġu fl-2008 faħħru l-intervent tal-prokuratur Giuseppe Micallef (li kien ukoll il-President tal-Banda) u lill-pulizija li għamlet xogħolha biex daqqet il-Banda Sant'Andrea fil-festa tal-Patrun f'Novembru 1884. U jsemmu l-inkwiet u r-rivalità li ssemmiet fuq fuq fil-ġurnali ta' dak iż-żmien. Rivalità li bejn *due società ffilarmoniche rivali* – u li ma tissemmiex għaliex din ir-rivalità! Iżda meta nanalizzaw dan li ġej nibdew nifhmu li biex nibnu l-argument jeħtieġ li mmorru lura lejn x'deher fil-ktejjeb ***L-Aħħar Kelma*** maħruġ mill-Kumitat tal-Banda l-Unjoni fl-2009. Dan l-eżerċizzju qed isir biex niffriskaw il-memorja tal-qarrejja u, nuru li hemm baħar jaqsam bejn dak li kitbu u jibqgħu jippruvaw itambru tal-Banda Sant'Andrija. Il-fatti juru li jew min għamel ir-riċerka għall-ktieb tagħhom m'għamilx ir-riċerka meħtieġa, ma riedx ikun sinċier u leali lejn l-istorja, inkella m'għandux ħila. Ġara li Francis Galea newlilna żewġ kopji ta' paġni minn ġurnal bl-Ingliż *The Malta News and Independent* li fil-ħarġiet ta' Awwissu u Settembru 1884 hemm żewġ kitbiet żgħar dwar il-*Filarmonic Society St. Andrea of Casal Luca*.

Fl-ewwel tagħrif li deher fil-ġurnal *The Malta News & Independent* tas-27 ta' Awwissu 1884 insibu li l-Banda San Andrea daqqet għall-ewwel darba (*first appearance*) nhar il-Ġimgħa 15 ta' Awwissu 1884 għall-festa ta' Santa Marija f'Ħal Għaxaq. Biex min ta t-tagħrif ikompli jżejjen il-progress tal-banda kiteb li kienet magħmula minn 16-il ħaddiem (*16 work-men*) u, li sa tliet xhur qabel u qabel ma ngħaqad magħhom is-Sur Tommaso Galea, dawn bil-kemm kienu jafu jżommu strument f'idejhom.

Minn din il-kitba għandna dokumentat li:

1. Il-Banda San Andrea daqqet għall-ewwel darba mhux f'Ħal Luqa, iżda barra minn pajjiżha f'Ħal Għaxaq;
2. Li din il-banda kienet magħmula minn 16-il daqqaq;
3. Li dawn id-daqqaqa sa tliet xhur qabel, jiġifieri Mejju 1884 lanqas kienu jafu jaqbdu strument b'idejhom;
4. U, li s-Surmast Tommaso Galea ingħaqad biex iħarreġ il-Banda San Andrea f'Mejju 1884.

Minn dan it-tagħrif dokumentat f'ġurnal ta' dak iż-żmien il-poplu jikkonkludi li l-ktieb li ħareġ il-Kumitat tal-Banda Sant'Andrija fl-2008 huwa mimli ħrejjef u għajdut mhux dokumentat biex iġebbdu lura l-bidu tal-istorja tal-banda tagħhom għas-sena 1883. Mill-erba' punti li elenkajna mill-kitba fil-ġurnal għandna tagħrif fuq pedamenti sodi li l-Banda San Andrea twieldet f'Mejju 1884 u daqqet għall-ewwel darba tliet xhur wara, f'Awwissu 1884. Fil-ktieb tal-2008 kitbu li l-Banda daqqet l-ewwel darba f'Novembru 1883 xi ħaġa li mhix vera għax il-grupp ta' daqqaqa-bandisti ma kienx imlaqqa'. Mit-tagħrif fil-ġurnal jidher li hija gidba wkoll li s-Surmast Tommaso Galea ngħaqad magħhom fl-1883 kif kitbu diversi drabi u wkoll f'paġna 380.

It-tieni tagħrif li jorbot u jsaħħaħ l-ewwel wieħed deher fl-istess ġurnal fil-ħarġa tat-3 ta' Settembru 1884 fejn ingħataw tagħrif li l-Banda San Andrea għamlet it-tieni dehra tagħha *(its second appearance)* fil-pjazza ta' Ħal Luqa nhar il-Ħadd 31 ta' Awwissu 1884. Mill-ġdid f'din il-kitba riedu juru l-ammirazzjoni tan-nies preżenti lejn il-ħila tas-Surmast, li fi żmien tant qasir *(in so short a time to be able to perform)* irnexxilu jwassal id-daqqaqa jesegwixxu dak il-programm.

Mela b'xorti tajba min kiteb l-ewwel darba kiteb ukoll it-tieni darba biex sostna l-argument tiegħu ta' kif u meta twieldet il-Banda San Andrea ta' Ħal Luqa. Dawn iż-żewġ kitbiet huma ta' siwi kbir għaliex l-ewwel kitba hija diġà dokument b'saħħtu, iżda t-tieni kitba tkompli ssaħħaħ l-ewwel waħda! Iż-żewġ kitbiet flimkien huma b'saħħithom ħafna għaliex joħorġu d-data eżatt tat-twelid tal-Banda San Andrea filwaqt li jwaqqgħu kulma nkiteb s'issa dwar il-bidu tal-Banda San Andrea kemm fil-ktieb tal-2008, fl-annwal li toħroġ is-soċjetà ta' kull sena, kif ukoll f'kull kitba oħra dwar l-istess suġġett.

X'jgħidu u xi jfissru dawn iż-żewġ dokumenti siewja? L-ewwel nett ta' min jinnota u jagħmel enfasi li dawn dehru fl-istess ġurnal, jiġifieri ***The Malta News and Independent***. Il-mod kif inkitbu u twasslu lill-editur, juri li dawn għaddewhom il-kumitat jew persuni midħla sew (awtorità) tal-Każin tal-Banda Sant'Andrija. L-iskop ta' dan il-membru jew tal-kumitat kien: **li jirreġistra l-attività tal-banda San Andrea u, li fuq kollox juri l-eżistenza ta' grupp ta' bandisti bl-isem tal-għaqda u b'surmast li jmexxihom.** Fuq kollox, u aktar minn kull ħaġa oħra r-rappreżentanti tal-Banda Sant'Andrea riedu jirreġistraw meta u fejn daqqet fil-pubbliku u, min kien l-għalliem u l-mexxej tagħha.

Ir-riċerka serja u dettaljata tal-awtur storiku Francis Galea m'għandniex għalfejn nikkummentaw dwarha aħna. Xhieda tal-kwalitajiet ta' dan l-awtur-riċerkatur hija n-numru kbir ta' kotba ta' riċerka li ħadem fuqhom u ppubblika. Kotba dettaljati u leali lejn il-ġrajja u l-personaġġi involuti li dejjem ingħataw tifħir minn għadd wiesa' ta' kritiċi. Xhieda oħra hija li wara l-ktieb ***Ħal Luqa u l-Banda tagħha L-Unjoni***, Galea ġie mistieden u rriċerka b'mod mill-aktar metikoluż żewġ kotba oħra, wieħed għall-***Banda De Rohan*** ta' Ħaż-Żebbuġ u ieħor tal-***Għaqda Banda Żejtun***. Jidhrilna li dan huwa ċertifikat biżżejjed tad-dixxiplina u r-rispett lejn l-istorja kif tassew ġrat mill-awtur Francis Galea.